DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 1627** **03. 08. 2011**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-GĦAWDEX**

**Il-premju Ħaddiem tas-Sena tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex**

Għat-tieni sena konsekuttiva, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ġiet imtellgħa serata li fiha ngħata l-premju Ħaddiem tas-Sena lil Lawrence Mizzi. Din is-serata li ġiet organizzata mill-Kumitat tal-Attivitajiet Soċjali u Kulturali fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex, saret fil-ġonna tal-istess sptar fir-Rabat Għawdex.

Matul din l-attività, il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono ppreżentat ċertifikati lil ħames impjegati li ġew innominati minn sħabhom wara li nħarġet applikazzjoni aktar kmieni din is-sena. Il-Ministru Giovanna Debono mbagħad ippreżentat il-premju lil Lawrence Mizzi bħala r-rebbieħ tal-unur tal-Ħaddiem tas-Sena 2010. Filwaqt li faħħret din l-inizjattiva, il-Ministru għal Għawdex qalet li din l-attività hija ta' ispirazzjoni għall-ħaddiema kollha li jaħdmu f'dan l-isptar biex jagħrfu jimpenjaw ruħhom b'dinjità fuq il-post tax-xogħol tagħhom f'qasam tant sensittiv. Sostniet li dan jawgura servizz dejjem aħjar għall-pazjenti Għawdxin filwaqt li jkun ifisser sodisfazzjon personali għall-impjegati nfushom.

Il-Ministru Giovanna Debono fissret kif l-ambjent u l-għodda fuq il-post tax-xogħol jaffetwaw lil kull impjegat. "Il-programm ta' ristrutturar kontinwu f'dan l-isptar huwa ta' benefiċċju kemm għal pazjenti kif ukoll għalikom il-ħaddiema", sostniet il-Ministru għal Għawdex waqt li rreferiet għal numru ta' inizjattivi li ġew meħuda fir-rigward ta' aktar faċilitajiet u servizzi ġodda f'dan l-isptar. Fost l-oħrajn hija semmiet il-proġett li permezz tiegħu ġie mwaqqaf Dipartiment tar-Radjoloġija ġdid fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex li ġie inawgurat aktar kmieni din is-sena. "Issa li tlesta dan il-proġett ser inkomplu b'xogħol ieħor li ser jirriżulta f'titjib kontinwu għall-benefiċċju tal-pazjenti kif ukoll għall-benefiċċju tagħkom ilkoll li taħdmu ġewwa dan l-isptar", temmet tgħid il-Ministru għal Għawdex.

Is-serata kienet imżewqa b'poeżiji u siltiet mużikali kif ukoll preżentazzjoni awdjo-viżiva dwar il-ħidma tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fl-aħħar sena.

Matul din is-serata ġie mfakkar Carmel Farrugia, ex-impjegat tal-isptar li ġie nieqes matul is-sena 2010 u ngħatat tifkira lill-familjari tiegħu, filwaqt li 12-il impjegat ieħor li rtiraw mis-servizz matul l-istess sena ġew ippreżentati b'tifkira.

Barraminhekk, tħabbar ukoll li Mary Portelli kienet ir-rebbieħa tal-logo l-ġdid tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. B'kollox ġew sottomessi 12-il logo mill-ħaddiema tal-isptar. Dan wara li saret preżentazzjoni viżiva tal-logos parteċipi. Mil-lum 'il quddiem dan il-logo ser ikun jirrappreżenta l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

**Attachments: None** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt